TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Robert Galea

vs

Ian Gauci - Pret a Porte.

CCT 246/16/MS

22 ta' Mejju 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent tal-21 ta' Dicembru 2016 fejn wara li ppremetta illi huwa xtara hames bibien interni minghand l-intimat, fl-20 ta' Jannar 2016 ghall-prezz totali ta' €2,688 u li nonostante interpellazzjonijiet sabiex l-intimat jigi jirranga xi diffetti fil-manifattura u fit-twahhil ta' dawn il-bibien, l-intimat baqa' inadempjenti. Talab li l-intimat ikun ikundannat ihallsu l-ammont ta' circa €970.00 bhala danni konsegwenza tan-nuqqas tal-intimat.

Ra illi l-intimat fuq awtorizazzjoni tat-Tribunal ipprezenta tardivament fis-27 ta' Gunju 2018 ir-risposta tieghu fejn cahad l-allegazzjonijiet tar-rikorrent bhala infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi kien l-istess rikorrent illi naqas josserva l-ftehim li kien milhuq bejniethom.

Ra l-verbal tat-3 ta' Ottubru 2018 fejn it-Tribunal iddikjara li l-kawza kienet diga marret ghas-sentenza fil-15 ta' Jannar 2018.

Ra illi fuq rikors tal-intimat it-Tribunal issospenda l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex taghtih l-opportunita' iressaq il-provi tieghu b'dikjarazzjoni illi jekk dawn ma jsirux sad-differiment li kien imiss u cjoe' 12 ta' Dicembru 2018, il-kawza tmur ghas-sentenza fuq il-provi li hemm.

Ra illi fit-12 ta' Dicembru 2018 is-seduta ma saritx minhabba l-indisposizzjoni tal-gudikant u l-kawza giet differita ghal 20 ta' Frar 2019.

Ra l-verbal tal-20 ta' Frar 2019 fejn ghal darb'ohra l-intimat ma deherx izda pprezenta certifikat allegatament mediku, mhux guramentat u ghalhekk it-Tribunal ma hax konjizzjoni tieghu u fin-nuqqas ta' provi ohra (affidavit) iddifferixxa l-kawza ghas-sentenza ghat-22 ta' Mejju 2019.

Ra l-atti u d-dokumenti tal-kawza.

Sema' x-xhieda tar-rikorrent bil-gurament.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi skond invoice datat 20 ta' Jannar 2016 ir-rikorrent xtara hames bibien interni minghand l-intimat ghall-prezz totali ta' €2318.03. Hallas ammont akkont u kien fadallu bilanc ta' €378.03. Ir-rikorrent ighid li ma hallasx dan il-bilanc peress illi kien hemm xi diffetti f'sliding door, bieb iehor bil-hsara li ma setax jitwahhal u bieb ta' barra li kellu wiehed mis-serraturi neqsin. Minkejja illi l-intimat kien weghdu li ser jigi jirrimedja, dana m'ghamel xejn u ghalhekk ir-rikorrent adixxa lil dan it-Tribunal ghal sodisfazzjon. Flimkien mad-dokumenti, ir-rikorrent esebixxa wkoll xi ritratti li juru certi hsarat fuq il-bibien ordnati minghand l-intimat. Dawn ir-ritratti ma gewx kontestati mill-intimat bhal ma del resto ma giex ikkontestat ix-xhieda tar-rikorrent u l-istess avviz, konfermat bil-gurament, mir-rikorrent.

Illi l-intimat ipprezenta ir-risposta tieghu tardivament, izda minkejja li t-Tribunal accettat illi r-risposta tidhol fl-atti ma jistax jiehu konjizzjoni tieghu peress illi qatt ma gie konfermat bil-gurament mill-istess intimat. Din is-sitwazzjoni jinduci lil dan it-Tribunal li jkun faverevoli ghat-talba tar-rikorrent, aktar u aktar meta wiehed jikkunsidra li r-rikorrent dejjem attenda ghas-seduti quddiem dan it-Tribunal u l-briga ta' diversi notifiki biex l-intimat jidher quddiem it-Tribunal u jkollu l-fakulta li jikkontesta t-talba tar-rikorrent. Din il-kawza bdiet fis-sena 2016 u minkejja dan iz-zmien kollu u d-diversi differimenti ghal provi l-intimat ma deher qatt u ma pprezenta l-ebda prova li tista' tkun accettata minn dan it-Tribunal. F'dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal ma ssib l-ebda raguni il-ghala ghandha tiddubita mill-versjoni tar-rikorrent illi hija verosimili u ghandha mis-sewwa.

Ikkunsidra

Illi b'danakollu it-Tribunal ma jidhirlux illi ghandu jilqa' t-talba tar-rikorrent fl-intier taghha aktar u aktar meta fi kliemu stess, ir-rikorrent qal illi ddecieda fuq l-ammont mitlub huwa stess. Fil-fehma tat-Tribunal, wara illi ra x' kienu l-problemi lamentati mir-rikorrenti u cjoe' - li s-sliding door ma twahhallx, bieb iehor li twahhal kellu xi hsara u ghandu jibidel u bieb ta' barra kellu wiehed mis-serraturi neqsin - l-ammont ghandu jigi ridott.

Skond il-fatturi esebiti l-prezz ta' sliding door huwa ta' €341.53 u l-prezz tal- installazzjoni tieghu huwa ta' sebghin Euro (€70.00). Ir-rikorrent ighid li parti mis-sliding door kien nieqes bil-konsegwenza li l-bieb baqa' ma twahhalx. Il-prezz tal-bieb li kellu hsara kien ta' xi €311.02 u l-prezz tal-installazzjoni tieghu kien ta' xi €38.00, allura ftit inqas mill-

ammont li zamm lura ir-rikorrent u cjoe €378.00. Peress illi r-rikorrent diga zamm lura milli jhallas lill-intimat l-ammont ta' €378.00, dan jinnewtralizza l-ammont dovut lir-rikorrent ghal bieb bil-hsara li mhux ser jigi kkunsidrat minn dan it-Tribunal . L-ilment tar-rikorrenti ghalhekk jibqa' fuq is-sliding door li kellu parti nieqsa u li b'konsegwenza ma twahhalx u fuq wiehed mis-serraturi tal-bieb ta' barra.

Ghalhekk it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi *arbitrio bono viri* illi l-ammont gust li haqqu r-rikorrent, wara t-tnaqqis ta' €378.00 fuq imsemmi huwa fl-ammont ta' tlett mitt Euro (€300.00). Bl-ispejjes kontra l-intimat.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru